MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 408/2006

Kawza fil-lista: 49

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu nhar it-8 ta’ Gunju 1996 (Certifikat taz-Zwieg anness bhala Dok. A);

Peress illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma’ xulxin permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar William Azzopardi nhar l-20 ta’ Settembru 2005 (Kopja annessa bhala Dok. B);

Peress illi meta zzewgu l-konvenut ma kellux id-diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha skond kif rikjest fil-ligi u kellu wkoll il-kunsens tieghu vizjat minn anomalija psikologika serja ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu 1(d);

Peress illi meta zzewgu l-konvenut kellu wkoll il-kunsens tieghu vizzjat a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikolu1(f);

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti nhar it-8 ta’ Gunju 1996 huwa null u bla effett a tenur ta’ l-artikolu 19 subartikoli 1(d) u 1(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi filwaqt illi l-eccipjent jifhem li hemm lok ghad-dikjarazzjoni tan-nullita’ taz-zwieg li gie kontrattat bejnu u bejn l-attrici, ai termini tal-Kap. 255 tal-Ligijiet, ma jaqbilx pero’ illi dan huwa l-kaz minhabba l-fatt li kien isofri minn nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju da parti tieghu fuq il-hajja mizzewga, jew ghaliex huwa l-kunsens tieghu vizzjat minn anomalija psikologika serja kif previst fl-artikolu 19(1)(d) ta’ l-imsemmi Kap. 255 jew ukoll vizzjat ai termini ta’ l-artikolu 19(1)(f). Kienet l-istess attrici affetta minn nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-4 ta' Jannar 1992 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li ghan-nullita' taz-zwieg tahti biss l-attrici fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-istess artikolu.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Jannar 1992 meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 29 sena, u meta kienu ilhom jafu lil xulxin circa hames snin. Fl-20 ta' Settembru 2005 il-partijiet isseparaw bonarjament. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi bazikament l-attrici tilmenta mill-fatt li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut ma kellux hegga li jitwieldu tfal fiz-zwieg taghhom. Hija tghid li l-konvenut kien jghidilha: ".. ahna nizzewwgu biex noqghodu flimkien, mhux biex ikollna t-tfal."[1] Hi tghid li "minn naha tieghu qatt ma xtaqhom"[2] Il-konvenut, minn naha tieghu, ghalkemm jghid li huwa ma kienx eskluda li jkollu tfal fiz-zwieg, jammetti li " jiena qatt ma kont daqshekk eager li jkun hemm tfal, ghidt jekk jigu jigu, jekk ma jigux hemm skopijiet ohra fil-hajja."[3]

Illi dwar dan il-punt hemm konfliggenza dijametrika fix-xhieda tal-partijiet, ghax filwaqt li l-attrici tghid li l-att taz-zwieg meta kien isir ma kienx jithalla miftuh ghat-tfal, il-konvenut minn naha tieghu jghid li tfal ma kellhomx "ghax ma gewx bazikament." [4] In propositu l-Qorti hija izjed propensa li taccetta l-versjoni ta' l-attrici, kif ukoll taccetta l-versjoni taghha li l-konvenut ma kienx javvicinaha sabiex

---

[1] Fol.35
[2] Fol.37
[3] Fol.71
[4] Fol.66

ikollhom x' jaqsmu flimkien. Hi tghid li l-att taz-zwieg kien isir "ghax dejjem naffrontah [navvicinah] jien.

L-attrici rrakontat in propositu li lanqas fil-honeymoon ma kien avvicinaha l-konvenut u tghid "ghalija kienet vera shock. Kif jista' jkun ghadna fil-honeymoon, u kulhadd jimmagina ta' barra minn hawn, u jien spiccajt hekk."[5]

L-attrici wkoll tilmenta minn certu difetti fil-karattru tal-konvenut li jikkaratterizzawh bhal bniedem stramb, u tirrakkonta fl-affidavit taghha l-fissazzjoni li kellu sabiex fis-safar jmur certu postijiet; kif ukoll il-fatt li, wara li jkun ha decizjoni, jmur lura minnha fl-ahhar mumenti.

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali meta l-attrici kienet dahhlet l-internet u kienet taghmel is-sieghat ticcattja ma' terzi li skond il-konvenut kienu rgiel u kienet turih ritratti taghhom. Hija kienet tghidlu b' dan, u l-konvenut jghid "dawn l-affarijiet kienet tghidhomli biex lili tipprova ggieghlni nghir, mentri jiena bniedem li ma nafx nghir ghal dawn l-affarijiet."[6]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li din il-Qorti hija propensa li taghti affidament ghall-versjoni ta' l-attrici.

Illi fit-tieni lok, f' dan il-kaz tirravviza nuqqas serju ta' maturita' affettiva da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, meta dana mill-bidu nett taz-zwieg ma kienx javvicinaha sabiex jaghmlu l-att taz-zwieg, kien juriha certu ndifferenza, jekk mhux addirittura opposizzjoni, sabiex jkollhom tfal mir-relazzjoni matrimonjali taghhom, u anke tenut kont tal-fatt allegat fl-affidavit ta' l-attrici u mhux kontraddett mhux kontradett mill-konvenut, li dana kellu fissazzjoni li jmur certu postijiet meta jsiefru u jiehu mieghu lil martu ![7] Inoltre, il-komportament tieghu, kwazi ta' bruda fil-konfront ta' martu, kien kagun ta' nuqqas ta' kommunikazzjoni bejniethom, tant li l-attrici, bi sforz li

[5] Fol.43
[6] Fol.80
[7] Affidavit ta' l-attrici - para.13 sa 15 – fol.26

tattira l-attenzjoni tieghu kienet sahansitra tghidlu li kienet “tghabbi” l-irgiel minn fuq l-internet. Ghal dan il-konvenut rreagixxa billi jghid “ jiena bniedem li ma nafx nghir ghal dawn l-affarijiet”.

Illi in tema legali jinghad li, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta’ maturita’ affettiva jimporta “generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita’ che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta’ e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita’ affettiva] e ponderato [immaturita’ di gudizio]” [*Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta’ Jannar 2006*].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tirravvisa f’ dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fil-konfront tal-konvenut; filwaqt li ma tirravvisa ebda *caput nullitatis* fil-konfront ta’ l-attrici.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti tal-konvenut.

Illi rigward l-kap ta’ l-ispejjez il-Qorti thoss li, fic-cirkustanzi huwa gust li jkun hemm temperament, stante li l-attrici kienet konxja tal-forma mentis tal-konvenut dwar certu aspetti taz-zwieg, anke qabel iz-zwieg kif jirrizulta mill-affidavit taghha[8], izda hija xorta wahda ddecidiet li tizzewweg lill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta’ Gunju 1996.

L-ispejjez jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.

[8] Fol.24

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------